*l-appellat bilfors kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva li ma ppermettitlux ikollu l-*proper lookout *rikjest sabiex qabel jagħmel il-manuvra ta' sorpass u jkun ċert li m'huwa ser isib l-ebda ostakolu fi triqtu*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 13/2020 LM

**Sean Borg (K.I. 458889M)**
*("l-appellat")*

***vs.***

**Johan Haber (K.I. 7309G)**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Johan Haber (K.I. 7309G)**, (hawnhekk "l-appellant"), minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tat-3 ta' Marzu, 2020 (minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali appellat"), li permezz

tiegħu t-Tribunal iddeċieda li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident tat-traffiku li huwa kellu mar-rikorrent **Sean Borg (K.I. 458889M)** (hawnhekk "l-appellat") fis-6 ta' April, 2018 ("l-inċident"), liema inċident wassal għall-proċeduri odjerni bejn il-partijiet, u konsegwentement għandu jagħmel tajjeb għad-danni pretiżi mir-rikorrent, li ġew likwidati fl-ammont ta' għaxart elef, mija u wieħed u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€10,141.60).

## <u>Fatti</u>

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal, in segwitu għal inċident tat-traffiku li seħħ fis-6 ta' April, 2018 fi Triq l-Ewropa, ir-Rabat, Għawdex bejn il-vettura targata AUD 132 misjuqa mir-rikorrent u l-vann targat FCE 773 misjuq mill-intimat. Ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident u għad-danni kollha riżultanti u konsegwenzjali għalih, jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' għaxart elef, mija u wieħed u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€10,141.60) u jikkundanna lill-intimat għall-ħlas ta' dan l-ammont u għall-ispejjeż l-oħra marbuta mal-proċeduri legali bejn il-partijiet.

## <u>Mertu</u>

3. Ir-rikorrent spjega li l-inċident inkwistjoni seħħ għaliex l-intimat naqas milli jimxi bi prudenza, b'diliġenza u bl-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* meta dan ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku u milli jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji. Spjega li l-impatt bejn iż-żewġ vetturi seħħ meta l-intimat indika li

kien sejjer jikser lejn in-naħa tax-xellug tat-triq, iżda minflok kiser sabiex imur jipparkja fuq il-parti tal-lemin tat-triq. Ir-rikorrent spjega li konsegwenza ta' dan l-inċident, huwa sofra danni fl-ammont ta' €10,141.60.

4. Min-naħa tiegħu l-intimat eċċepixxa li huwa ma jaħtix għall-inċident, u li dan seħħ unikament għal raġunijiet attribwibbli lir-rikorrent. Qal ukoll li r-rikorrent kellu jġib l-aħjar provi tad-danni subiti minnu.

5. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tar-rapport li sar mill-Pulizija in segwitu għall-inċident, minn fejn jirriżulta li wara l-inċident l-intimat spjega lill-Pulizija li l-inċident seħħ meta huwa xegħel l-*indicator* biex ikun jista' jipparkja l-vettura tiegħu fuq il-lemin tat-triq, meta ġiet vettura minn warajh u baqgħet dieħla fil-ġenb tal-lemin tal-vettura tiegħu. Il-verżjoni mogħtija mir-rikorrent wara l-inċident kienet li huwa kien qiegħed isuq wara l-vann misjuq mill-intimat fi Triq l-Ewropa, meta dan xegħel l-*indicator* sabiex jindika li ser jikser fuq ix-xellug, ir-rikorrent baqa' jsuq għad-dritt sabiex jissorpassa lill-intimat u xħin kien viċin tal-intimat, dan kiser għal fuq il-lemin minflok kiser fuq ix-xellug kif kien indika li ser jagħmel. Il-*motor survey report* anness mat-talba tar-rikorrent juri li l-vettura misjuqa minnu kellha *pre-accident value* ta' €12,000, filwaqt li r-*wreck value* tagħha wara l-inċident huwa ta' €2,000. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet in segwitu għall-inċident.

6. Il-*warden* li investiga l-inċident **David Vella**, esebixxa quddiem it-Tribunal il-*prime note* li ħa wara l-inċident. Ix-xhud ikkonferma li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda *two-way* u qal li fuq in-naħa tax-xellug tat-triq

hemm *double yellow line,* filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin hemm spazji għall-parkeġġ.

7. Ir-rikorrent **Sean Borg** xehed li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed isuq il-vettura targata AUD 132 u kien waħdu. Qal li kien fi Triq l-Ewropa, ir-Rabat, Għawdex fl-inħawi tad-*Down Town Hotel,* fid-direzzjoni lejn iċ-Ċittadella. Spjega li quddiemu kien hemm vann iswed, li f'ħin minnhom indika li kien ser jikser lejn ix-xellug billi xegħel l-*indicator.* Qal li dak il-ħin l-karreġġjata tiegħu kienet libera u għalhekk baqa' jsuq għad-dritt. Kompla jgħid li hekk kif avviċina l-vann, huwa ġibed 'il barra, lejn il-lemin, u dak il-ħin seħħ l-impatt għaliex il-vann laqtu fuq in-naħa tax-xellug ta' quddiem. Ir-rikorrent spjega li mad-daqqa, iż-żewġ vetturi spiċċaw iħarsu 'l fuq u jmissu ġenb ma' ġenb. Ir-rikorrent spjega li l-impatt inizjali kien bejn in-naħa tax-xellug tal-kantuniera ta' quddiem tal-vettura li kienet qiegħda tinstaq minnu, u l-bieba tax-xufier tal-vann, u mad-daqqa huwa għafas il-brejk tal-vettura. Qal li meta ra lill-intimat jixgħel l-*indicator* sabiex jindika li kien ser jikser lejn ix-xellug, huwa fehem li dan kien ser jieqaf biswit il-ħajt li hemm max-xellug tat-triq. Qal li l-vann ta' quddiemu ma kienx indika bl-*indicator* li kien ser idur fuq il-lemin, għaliex li kieku kien jieqaf. Ir-rikorrent qal li hekk kif ħareġ mill-vettura tiegħu wara l-impatt, huwa staqsa lill-intimat x'kien qiegħed jipprova jagħmel, u dan wieġbu li kien fi ħsiebu jagħmel *u-turn.* Ir-rikorrent qal li konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura tiegħu spiċċat *beyond economical repair,* u skont ir-rapport li sar mis-*surveyor,* irriżulta li filwaqt li din il-vettura kellha *pre-accident value* ta' €12,000, l-ispejjeż tat-tiswijiet kienu jammontaw għal €16,000. Qal li r-*wreck value* tal-vettura kien ta' €2,000, u huwa għalhekk li fil-

proċeduri arbitrali talab li jitħallas is-somma ta' €10,000. Ir-rikorrent qal li huwa kien inkariga *surveyor* indipendenti sabiex ikun ċert li l-vettura inkwistjoni verament hija *beyond economical repair.* Spjega li filwaqt li huwa minnu li t-triq hija waħda *two-way,* fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident hemm triq laterali fuq il-lemin li wieħed ma jistax jidħol fiha minħabba li hemm *no entry sign.* In kontroeżami, ir-rikorrent qal li huwa ma kienx jaf kemm kien ilu jsuq wara l-vann, imma qal li bejn iż-żewġ vetturi kien hemm distanza ta' madwar erba' metri. Qal li meta l-vann indika li kien ser jikser lejn ix-xellug, dan kien qiegħed isuq bil-mod ħafna, u kien kważi wieqaf. Ir-rikorrent ċaħad li l-inċident seħħ għaliex huwa pprova jagħmel manuvra ta' sorpass, u li biex jagħmel hekk kellu jidħol fil-karreġġjata opposta. Ir-rikorrent qal li huwa ġibed lejn il-lemin sabiex jevita l-ħabta, u qabel ma dar lejn il-lemin tal-vann huwa kien parallel miegħu. Qal li huwa baqa' l-ħin kollu fil-karreġġjata tax-xellug.

8. L-intimat **Johan Haber** fix-xhieda tiegħu qal li fil-ħin li seħħ l-inċident kien diġà dalam, imma fit-triq kien hemm id-dawl mixgħul. Qal li huwa kien sejjer fid-direzzjoni taċ-Ċittadella, u kien qiegħed isuq bil-mod għaliex kien qiegħed ifittex post ta' parkeġġ. Spjega li f'ħin minnhom huwa lemaħ post fuq il-lemin tiegħu, jiġifieri fuq in-naħa opposta tat-triq, xegħel l-*indicator* li jindika li huwa kien sejjer jikser lejn il-lemin, u wara li ra li ma kinux ġejjin vetturi minn warajh, beda jikser bil-mod. Qal li kif kien qiegħed jikser, ħass daqqa fuq il-ġenb tal-lemin fil-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa minnu, u meta ħares ra li kienet daħlet vettura fil-bieba tiegħu u fil-*mudguard* ta' quddiem. Spjega li l-impatt kien wieħed qawwi, tant hu hekk li ħaseb li l-vann kien ser jinqaleb. Qal li hekk kif ħareġ mill-vann, l-ewwel ħaġa li għamel is-sewwieq tal-vettura l-

oħra kienet li skuża ruħu, u dak il-ħin huwa seta' jara li fl-art kien hemm brejk twil filwaqt li huwa ma kellux marki tal-brejkijiet. Żied jgħid li mhux minnu li huwa kien xegħel l-*indicator* tax-xellug. Qal li qabel seħħ l-impatt huwa ma kienx ra l-vettura l-oħra, u ma jiftakarx minn fejn beda l-manuvra biex ikun jista' jikser lejn il-lemin tat-triq. L-intimat qal li mhux minnu li xi ħin wara l-inċident huwa qal lir-rikorrent li kien ser jagħmel *u-turn.*

**Il-lodo arbitrali appellat**

9. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fit-3 ta' Marzu, 2020, it-Tribunal iddeċieda dwar din il-pendenza billi laqa' t-talbiet tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi kif ġie sottomess aktar 'il fuq il-kawża de quo tittratta inċident tat-traffiku illi seħħ fi Triq l-Ewropa, ir-Rabat (Għawdex) bejn vettura bin-numru ADU 132 u vann bin-numru FCE 773.*
>
> *Illi fil-ħin tal-inċident iż-żewġ vetturi kienu qed jinstaqu fl-istess direzzjoni u ċioe qed isuqu 'l fuq fid-direzzjoni taċ-Ċittadella. Jidher illi f'ħin minnhom il-vann misjuq mill-intimat dar lejn il-lemin tiegħu, meta fl-istess ħin kien qed jissorpassah ir-rikorrenti u seħħ l-impatt.*
>
> *Fejn ma jaqblux il-partijiet hija illi filwaqt illi r-rikorrenti jikkontendi illi ftit qabel ma seħħ l-impatt l-intimat kien ġibed lejn ix-xellug tiegħu tant illi kien hemm spazju biex huwa seta' jibqa' jsuq għad-dritt fl-istess* lane, *l-intimat jikkontendi illi fil-mument tal-impatt ir-rikorrenti kien qiegħed jeffettwa manuvra ta' sorpass u li biex għamel hekk huwa kellu jmur* wrong side.
>
> *Illi għalkemm iż-żewġ verżjonijiet tal-fatti huma plawsibbli, l-Arbitru huwa aktar propens illi jemmen il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-intimat u ċioe illi fil-ħin tal-impatt ir-rikorrenti kien qiegħed għaddej fuq in-naħa l-ħażina tat-triq.*

*Illi l-fatturi li ġiegħlu lill-Arbitru jasal għal din il-konklużjoni huma tnejn u ċioe il-wisa' tat-triq u l-pożizzjoni tal-vetturi kif spiċċaw wara l-impatt.*

*Illi l-Arbitru josserva illi fil-punt tat-triq fejn seħħ l-inċident jidher illi t-triq tidjieq u li għalhekk fl-umli fehma tal-Arbitru, anke tenut kont tad-daqs tal-vann, jekk wieħed kellu jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti u ċioe illi l-vann tal-intimat ġibed lejn ix-xellug, il-karreġġjata ma kinitx ser tiġi* clear *għal kollox u għalhekk semmai ir-rikorrenti xorta kien ser ikollu jaqsam in-nofs tat-triq anke jekk mhux neċessarjament għal kollox.*

*Illi l-pożizzjoni tal-vetturi kif spiċċaw wara l-impatt u kif jidhru fir-ritratti annessi mal-Etars ukoll fl-umli fehma tal-Arbitru jimmilitaw favur it-teżi tal-intimat.*

*Illi l-każ in eżami huwa każ tipiku ta' ħabta bejn vettura li qed tagħmel manuvra ta' sorpass u vettura li qed tilwi lejn il-lemin waqt li l-vettura l-oħra tkun qiegħda tissorpassaha.*

*Illi huwa prinċipju risaput illi manuvra ta' sorpass, waħedha, hija manuvra leġittima u mhix ksur tar-regolamenti tas-sewqan, u l-fatt li min ikun qiegħed jaqbeż karozza oħra sejra fl-istess direzzjoni jaqbeż ukoll il-linja tan-nofs tat-triq jew jidħol f'karreġġjata oħra mhux element, fih innifsu, li jgħabbi lil min jagħżel dik il-manuvra bil-ħtija ta' inċident. Madankollu, il-manuvra tas-sorpass trid issir b'reqqa u b'kawtela b'mod li min jagħżel li jipprova jaqbeż karozza jew vettura oħra, irid jieħu qies tal-possibilità li l-vettura maqbuża tista' tibdel ir-rotta. F'każ bħal dan, jaqa' fuq is-sewwieq tal-vettura li qiegħda taqla' l-piż li jipprova li s-sewwieq tal-vettura l-maqbuża kien negliġenti fil-mod kif bidel ir-rotta (fn. 1 – PA –* ***Farrugia David vs Sammut George****, deċiża 09/12/2004).*

*Illi f'ċirkostanzi fejn ikun hemm żewġ vetturi mexjin wara xulxin u fil-waqt li l-vettura ta' wara tkun qed tittanta sorpass, il-vettura ta' quddiem tikser fuq il-lemin tagħha u b'hekk issir kolliżjoni, il-ġurisprudenza tagħti preċedenza lil dak li jkun ġej minn wara u jkun qiegħed jaqbeż il-vettura li tkun fuq ix-xellug tiegħu, għax li jiġri f'każijiet bħal dawn hu illi s-sewwieq li kiser lejn il-lemin ikun qasam ir-rotta tas-sewwieq li jkun qed jaqbżu (fn. 2 – PA –* ***Allied Insurance Services Ltd noe et vs Galea Jonathan,*** *deċiża 21/06/2002).*

*Illi l-Arbitru huwa konvint illi kien proprju hekk li ġara fil-każ in eżami, u ċioe illi waqt illi r-rikorrenti kien qiegħed jittenta manuvra ta' sorpass l-intimat ġibed lejn il-lemin tiegħu bl-intenzjoni illi jaqsam it-triq biex jipparkja.*

*Illi l-intimat kellu l-obbligu illi qabel ma jeffettwa din il-manuvra jżomm* a proper lookout *billi jivverifika illi ma kienx hemm traffiku ġej minn warajh, regola illi naqas milli josserva għaliex li kieku għamel hekk kellu jinduna bil-preżenza tal-vettura tar-rikorrenti.*

*Illi għalhekk l-Arbitru huwa tal-fehma illi huwa l-intimat illi jaħti unikament għall-inċident mertu tal-kawża stante illi qasam quddiem traffiku li kellu preċedenza fuqu. Xegħel jew ma xegħelx l-*indicator *ma hux rilevanti, għax billi xegħel l-*indicator *ma bidilx ir-regola tat-triq favur tiegħu.*
*Illi għal dak li jirrigwarda l-*quantum *tad-danni reklamati mir-rikorrenti, l-Arbitru jagħmel riferenza għall-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019 fejn l-avukat tal-intimat iddikjara illi dan ma kienx qiegħed jiġi kkontestat.*

***Decide***

*Għalhekk għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Arbitru filwaqt illi jiddikjara illi l-inċident tat-traffiku illi seħħ nhar is-6 ta' April, 2018 fi Triq l-Ewropa, Rabat (Għawdex), seħħ unikament minħabba tortijiet attribwibbli lill-intimat Johan Haber li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed isuq il-van bin-numru FCE-773, jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-inċident de quo fl-ammont komplessiv ta' €10,141.60* (recte)*, konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' għaxart elef, mija u wieħed u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€10,141.60), bl-imgħaxijiet mill-20 ta' Marzu, 2019 sad-data tal-effettiv pagament.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu kollha a karigu tal-intimat, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu, 2019."*

## L-Appell

10. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mill-lodo arbitrali appellat fit-12 ta' Marzu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella in toto d-deċiżjoni arbitrali fl-ismijiet* ***Sean Borg vs Johan Haber*** *mogħtija fit-3 ta' Marzu, 2020 fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta per l-Arbitru Dr Stefan Camilleri u konsegwentement tiddikjara li l-inċident seħħ unikament minħabba tortijiet attribwibbli lill-appellat Sean Borg, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat."*

L-appellant spjega li huwa ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba li dan kien żbaljat meta addebita l-ħtija għall-inċident lilu, u sostna li fl-agħar ipotesi għalih, din il-Qorti għandha tasal għad-deċiżjoni li l-appellat ikkontribwixxa għall-inċident inkwistjoni.

11. L-appellant spjega li mix-xhieda tiegħu kellu jirriżulta li l-manuvra li huwa għamel kienet waħda kawta u prudenti, partikolarment għaliex huwa xegħel l-*indicator* tal-lemin, ra li ma kienx hemm vetturi ġejjin minn warajh fuq il-lemin u lanqas minn quddiem, u beda jikser bil-mod. Kompla jgħid li mix-xhieda tiegħu kellu jirriżulta li huwa ħass impatt li kien qawwi, tant hu hekk li ħaseb li l-vann kien ser jinqaleb. L-appellant qal li minn din ix-xhieda tiegħu kellu jirriżulta li l-manuvra li għamel l-appellat kienet waħda ta' sorpass b'veloċità eċċessiva, li tirriżulta anki mill-fatt li l-vettura li kienet qiegħda tinstaq minnu spiċċat *beyond economical repair.* L-appellant qal li l-inċident seħħ f'żona residenzjali, fejn il-veloċità massima ma tistax teċċedi l-50 kilometru fis-siegħa, u sostna li kieku l-appellat kien għaddej b'din il-veloċità, il-vettura tiegħu ma kinitx issofri ħsarat li jirrikjedu spiża ta' €16,000 biex tissewwa. L-appellant qal li anki l-manuvra li għamel l-appellat, is-sorpass, kienet waħda perikoluża u riskjuża, u kif inhu stabbilit fil-ġurisprudenza, hija manuvra li għandha ssir bi prudenza u b'kawtela. L-appellant iċċita l-artikolu 185 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq, li jgħid li l-manuvra ta' sorpass hija pprojbita fejn it-triq tidjieq, u fejn ma jkunx hemm spazju biżżejjed u viżibilità tajba biżżejjed biex tippermetti li dan isir mingħajr perikolu. L-appellant qal li anki t-Tribunal ikkonkluda li s-sorpass seħħ f'parti tat-triq li tidjieq, f'post fejn

hemm *side road* fuq in-naħa tal-lemin, jiġifieri fuq in-naħa fejn sar is-sorpass. Kompla jgħid li għalhekk għandu jirriżulta li l-appellat għamel manuvra ta' sorpass kontra l-liġi, fejn tali manuvra hija espressament projbita mil-liġi, u għalhekk dan għandu jwieġeb għall-inċident. Żied jgħid li anki fejn sewwieq ikun ser jissorpassa vettura wieqfa, dan irid juża ħafna kawtela u prudenza sabiex jassigura li l-manuvra ma tpoġġix vetturi oħra fil-periklu. L-appellant qal li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li huwa għandu jinżamm responsabbli għall-inċident, għaliex is-sorpass sar fi triq residenzjali, fid-dlam, b'veloċità sfrenata, f'żona fejn hemm *side-road* fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, u meta l-appellant kellu l-*indicator* mixgħul sabiex jindika li ried jikser lejn il-lemin. L-appellant qal li huwa jifhem li l-fatt li xegħel l-*indicator,* ma jagħtihx id-dritt assolut li jagħmel dak li kien qiegħed jindika li ser jagħmel, u qal li s-sewqan prudenti jitlob li meta persuna tkun ser tikser, f'dan il-każ lejn in-naħa tal-lemin, din għandha tixgħel l-*indicator* f'ħin u distanza adegwata qabel il-punt fejn is-sewwieq ikun ser jibda jdur. Qal ukoll li s-sewwieq għandu jieqaf u jesplora t-triq sewwa minn kull angolu, qabel ma jibda l-manuvra li jkun bi ħsiebu jagħmel. Kompla jgħid li huwa biss wara li s-sewwieq jassigura li ma tkun ġejja l-ebda vettura mill-ebda naħa, li dan għandu jibda l-manuvra ta' ksur lejn il-lemin tat-triq. L-appellant qal li huwa osserva dawn il-prinċipji kollha, u uża l-prudenza u l-kawtela meħtieġa meta kiser fuq il-lemin, u ħa ħsieb iżomm veloċità baxxa, xegħel l-*indicator,* ħares fil-mirja u assigura ruħu li ma kien ġej ħadd. Qal li huwa ma setax jara lill-appellat għaliex dan kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, u għalhekk kien impossibbli għalih li jarah. L-appellant qal li xejn ma jindika li huwa ma kienx qiegħed isuq il-vettura b'mod regolari, jew li huwa naqas minn xi dmir tiegħu fis-sewqan. Spjega li minkejja s-

sewqan galbat u l-veloċità baxxa tiegħu, l-appellat ikkawża l-inċident minħabba l-veloċità qawwija li kien għaddej biha, li wasslet għal impatt qawwi biżżejjed biex filwaqt li s-sewwieq tal-vann ħaseb li kien ser jinqaleb bil-vann b'kollox, il-vettura tal-appellat spiċċat *total loss.* L-appellant qal li huwa ma rax lill-appellat mhux għaliex naqas milli jżomm *proper lookout,* imma għaliex l-appellat kien ġej b'veloċità għolja u kien għadu 'l bogħod meta l-appellant indika li ried jikser lejn il-lemin. Kompla jgħid li xħin beda l-manuvra li jikser lejn il-lemin, l-appellat kien għadu mhux viżibbli fir-*rear view mirror* tiegħu, għaliex il-vettura tal-appellat kienet qiegħda tkopri distanza twila f'qasir żmien. Qal ukoll li kien biss meta huwa kien kważi lesta l-manuvra tiegħu li sab lill-appellat viċin tiegħu, u minħabba l-veloċità li kien għaddej biha l-appellat, dan ma setax jieqaf.

12. L-appellant qal ukoll li anki f'każ li din il-Qorti jidhrilha li kien huwa li ma żammx *a proper lookout,* in-nuqqasijiet tal-appellat fil-manuvra li jikser lejn il-lemin, ma jeżonerawhx mir-responsabbilità għall-inċident għaliex l-appellat kellu l-obbligu li jaċċerta ruħu mill-intenzjonijiet tal-appellant qabel jipprova jissorpassah. L-appellant qal li min jipprova jagħmel manuvra bħal din għandu joqgħod ferm attent għaliex is-sewwieq ta' quddiemu jista' jiddeċiedi li jibdel ir-rotta. Qal ukoll li min jagħmel il-manuvra ta' sorpass għandu jieħu responsabbilità għall-manuvra tiegħu, u persuna raġonevoli għandha tevita li tagħmel manuvra bħal din meta jkun hemm il-possibilità li din tikkawża perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-oħra fl-istess triq. Kompla jgħid li f'każ ta' dubju, sewwieq prudenti għandu jiddeżisti milli jagħmel manuvra bħal din. L-appellant qal li f'dan il-każ l-appellat kien imprudenti meta għamel is-sorpass

għaliex għamel dan meta kien diġà dalam, fi triq residenzjali, f'parti tat-triq li tidjieq, u f'parti tat-triq fejn hemm *side road* man-naħa ta' fejn sar is-sorpass, u waqt li l-appellat kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva. Kompla jgħid li ladarba l-appellat ra l-vann tal-appellant quddiemu, u ra ukoll t-triq tidjieq u s-*side road* fuq in-naħa tal-lemin, kellu jiddeżisti mis-sorpass in vista ta' dak li jirrikjedu r-regolamenti tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq. L-appellant qal li l-fatt li l-appellat iddeċieda li jieħu ċans u jibqa' għaddej juri nuqqas ta' osservanza tad-diliġenza meħtieġa għal sewqan prudenti min-naħa tiegħu, u għalhekk l-appellant isostni li din il-Qorti għandha ssib lill-appellat responsabbli li kkontribwixxa wkoll għall-inċident, u dan għandu jinżamm responsabbli għal parti mit-tort.

13. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, għalkemm il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-punti li tqajmu waqt it-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravji sollevati mill-appellant fil-kuntest tal-lodo arbitrali u fil-kuntest ta' dak li ġie sottomess mill-appellat waqt it-trattazzjoni. Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-appellat għandu raġun jgħid li Qorti ta' reviżjoni għandha tevita li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li jkunu nstemgħu quddiem l-ewwel qorti jew tribunal, jekk mhux biex jiġi evitat li ssir xi inġustizzja gravi ma' xi parti oħra, sabiex jiġi żgurat li dan ma

jseħħx, il-Qorti trid tifli bir-reqqa l-provi kollha li jkunu tressqu fl-ewwel istanza.

*L-ewwel aggravju:* *it-Tribunal żbalja meta addebita l-ħtija għal dan l-inċident fuq l-appellant*

15. L-appellant jgħid li t-Tribunal ma wasalx għal konklużjoni korretta dwar kif ġraw il-fatti, partikolarment meta addebita l-ħtija għall-inċident lilu. Spjega li huwa kien kawt u prudenti waqt is-sewqan, imma f'ħin minnhom ħass impatt qawwi, u dak il-ħin ħaseb li l-vann li kien qiegħed isuq kien ser jinqaleb. Qal li l-kawża prossima tal-inċident kien il-fatt li l-appellat ipprova jagħmel manuvra ta' sorpass b'veloċità qawwija, u kienet din il-veloċità eċċessiva li kien qiegħed isuq biha l-appellat li wasslet għall-konsegwenzi li kellu l-inċident, partikolarment għall-fatt li l-vettura misjuqa mill-appellat ġiet iddikjarata *beyond economical repair.* Qal ukoll li skont il-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq, manuvra ta' sorpass hija pprojbita fil-parti fejn triq tidjieq, u fejn m'hemmx spazju u viżibilità suffiċjenti biex jippermettu li l-manuvra ta' sorpass issir mingħajr periklu. Fil-fehma tal-appellant, il-manuvra li pprova jagħmel l-appellat kienet waħda azzardata u nieqsa mill-prudenza u d-diliġenza, partikolarment għax seħħet fi triq residenzjali li għandha l-limiti tal-veloċità tagħha, fid-dlam, b'*side-road* fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, u waqt li l-appellat kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva. Spjega li huwa ma rax il-vettura misjuqa mill-appellat fir-*rear view mirror* mhux għax huwa ma żammx il-*proper lookout* rikjest, imma għax l-appellat kien ġej b'veloċità eċċessiva u għalhekk ma setax jarah u dan laħaq saq distanza konsiderevoli f'ħin verament qasir.

16. Il-Qorti tqis il-partijiet taw verżjonijiet konfliġġenti quddiem it-Tribunal dwar kif seħħ l-inċident. Quddiem it-Tribunal l-appellat spjega li l-inċident seħħ għaliex l-appellant indika li kien ser jikser lejn il-parti tax-xellug tat-triq, billi xegħel l-*indicator* tal-vettura misjuqa minnu, imma sussegwentement kiser lejn il-lemin u b'hekk seħħ l-impatt bejn iż-żewġ vetturi, għaliex l-appellat kien fi ħsiebu jibqa' jsuq għad-dritt u b'hekk kien qiegħed jittenta jissorpassa l-vettura misjuqa mill-appellant. L-appellant min-naħa tiegħu qal li mhux minnu li f'xi ħin huwa xegħel l-*indicator* b'mod li jindika li kien sejjer jikser lejn ix-xellug tat-triq, u fil-ħin tal-impatt huwa kien ser jikser lejn il-lemin fejn sab post ta' parkeġġ fejn jipparkja l-vettura tiegħu. L-appellat ċaħad li sabiex jagħmel il-manuvra ta' sorpass tal-vann huwa invada l-karreġġjata opposta. Il-Qorti tosserva li minkejja li l-verżjonijiet tal-partijiet huma konfliġġenti, hemm fattur wieħed li dwaru jaqblu t-tnejn li huma, u ċjoé l-fatt li l-vann misjuq mill-appellant, kien kważi wieqaf fil-ħin tal-impatt. Dan għaliex, jgħid l-appellant, huwa kien ser jibda jdur lejn il-lemin wara li lemaħ parkeġġ vojt fuq il-parti tal-lemin tat-triq. Min-naħa tiegħu l-appellat qal li huwa ħaseb li l-appellant kien naqqas drastikament mill-veloċità, jekk mhux saħansitra waqaf għalkollox, għaliex kien ser jieqaf taħt ħajt fil-parti tax-xellug tat-triq, fejn jirriżulta li hemm *double yellow line.* Minkejja dan, jirriżulta li l-impatt bejn iż-żewġ vetturi ħalla impatt sostanzjali, bil-vettura misjuqa mill-appellat titqies li hija *beyond economical repair,* għaliex ġie stabbilit li biex tissewwa l-ħsara li ġarrbet, l-ispiża kienet ser tlaħħaq €16,000. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ għaliex l-appellant ma żammx *a proper lookout* meta ġie biex

idur lejn il-lemin, u għalhekk ma rax il-vettura misjuqa mill-appellat ġejja minn warajh.

17. Imma din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni tat-Tribunal, partikolarment meta l-uniku fattur li qablu dwaru l-partijiet huwa li l-appellant kien miexi b'veloċità baxxa ħafna, tant hu hekk li f'ħin minnhom l-appellat ħaseb li l-vann misjuq mill-appellant kien wieqaf. L-appellant saħaq li l-impatt kien wieħed sostanzjali, tant hu hekk li ħaseb li kien ser jinqaleb bil-vann, u wara l-inċident seta' jara mal-art il-marki tal-brejkijiet tal-vettura misjuqa mill-appellat. Dawn l-asserzjonijiet tal-appellant ma jirriżultawx ippruvati u mir-ritratti esebiti ma jirriżultawx il-marki tal-brejkijiet fl-art li ssemmew minnu, għalkemm għandu jingħad li dawn ir-ritratti ttieħdu fid-dlam u jista' jkun li huwa għalhekk ma jidhrux *brake marks* fir-ritratti. Imma l-Qorti hija tal-fehma li dak li xehed dwaru l-appellant huwa korroborat minn provi oħra, partikolarment mill-konsegwenzi li ħalla l-inċident u mill-fatt li kieku l-appellat kien qiegħed isuq bil-prudenza meħtieġa, dan kien jirrallenta fil-ħin sabiex jevita l-impatt mal-appellant. Din il-Qorti ma tikkondividix il-konklużjoni tat-Tribunal li kien l-appellant li ħareġ għal nofs it-triq, waqt li l-appellat kien qiegħed jissorpassa, u li kien l-appellant li naqas milli jżomm il-*proper lookout* meħtieġ. Għall-kuntrarju jirriżulta li kien l-appellat li kien ilu jsuq wara l-vann għal ċerta distanza, li għamel manuvra azzardata mingħajr ma ta kas li l-vann kien wieqaf sabiex idur fuq il-lemin. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-*indicator* tal-appellant kien qiegħed juri li dan kien fi ħsiebu jikser lejn ix-xellug, imma mbagħad għal xi raġuni dan dar lejn il-lemin, u li l-aħħar ħaġa li rreġistra l-appellat kienet li l-appellant kien irrallenta sabiex jikser lejn ix-xellug. Dan

għaliex kif inhu magħruf, *indicator* ma jibqax jixgħel meta vettura tittieħed f'direzzjoni opposta minn dik li jkun qiegħed jimmarka l-*indicator* u għalhekk anki jekk inhu l-każ li l-appellant indika d-direzzjoni li kien sejjer jieħu b'mod skorrett, ma jistax ikun li l-*indicator* kien għadu mixgħul fil-ħin li l-appellat kien daqstant viċin tal-vann misjuq mill-appellant. Bilfors li l-appellat kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva li ma ppermettitlux ikollu l-*proper lookout* rikjest sabiex qabel jagħmel il-manuvra ta' sorpass u jkun ċert li mhuwa ser isib l-ebda ostakolu fi triqtu. L-avukat difensur tal-appellat fit-trattazzjoni tagħha għamlet riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-*Highway Code*, imma din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-appellant f'xi ħin naqas milli jirrallenta jew milli jkun kawt qabel jibda jikser lejn il-lemin. F'dan il-każ, jirriżulta mill-provi li filwaqt li l-appellat xehed li huwa kien ilu ftit tal-ħin isuq wara l-vann tal-appellant, l-appellant xehed li kien biss wara li seħħ l-impatt li huwa induna bil-vettura misjuqa mill-appellat. Dan juri li l-appellat kien ben konxju li kien ser jagħmel manuvra azzardata, partikolarment għaliex huwa kien ra lill-vann jirrallenta ħafna fis-sewqan, b'mod li huwa ħaseb li dan kien ser jieqaf mal-parti tax-xellug tat-triq. Sewwieq prudenti kien jinduna li fil-parti tax-xellug tat-triq ma kien hemm l-ebda vetturi pparkjati peress li kien hemm *double yellow line,* u kien jevita li jittenta jissorpassa fil-parti fejn it-triq tidjieq b'*side-road* mal-ġenb tal-lemin tagħha, kif jirriżulta b'mod ċar mir-ritratti u mill-iskizz esebit fil-proċeduri arbitrali.

18. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant. Ladarba l-ewwel aggravju tal-appellant

qiegħed jiġi milqugħ, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju mressaq mill-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant, filwaqt li qiegħda tħassar, tirrevoka u tikkanċella *in toto* l-lodo arbitrali appellat, u konsegwentement tiddikjara li l-inċident seħħ għal raġunijiet attribwibbli unikament lill-appellat.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**